**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**MAGISTRAT DR. MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 27 ta' Marzu, 2019**

**Rikors Numru: 118/2010 MLF**

**Saint James Hospital Limited**

**vs**

**Joan Agius u b'digriet ta' din il-Qorti tal-21 ta' Mejju 2014, Dottor Yana Micallef Stafrace giet mahtura bhala kuratur *ad litem* sabiex tirraprezenta l-interessi tad-decuius konvenuta Joan Agius u b'digriet ta' din il-Qorti tal-31 ta' Jannar 2018, Dottor Fransina Abela giet nominata bhala kuratur deputat minflok Dottor Yana Micallef Stafrace, sabiex tirraprezenta l-interessi tal-wirt tal-mejta konvenuta Joan Agius**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors tas-socjeta attrici fejn talbet li l-konvenuta tigi kkundannata thallasha s-somma ta' tlett elef, tmien mija u disgha u hamsin Ewro (€3859), bilanc ta' prezz ta' servizzi medici, medicinali u akkomodazzjoni moghtija lilha fuq inkarigu taghha, skond invoice numru 10447438 datata l-1 t'April 2009, ga mibghuta lilha.

Bl-ispejjez, u bl-imghaxijiet legali mid-data tal-prezentata ta' dan l-avviz sad-data tal-pagament effettiv.

Rat ir-risposta tal-konvenuta Joan Agius li eccepiet:

Illi l-ammont mitlub ma huwiex dovut stante li l-kunsens sabiex l-intimata tigi rikoverata fi sptar privat inkiseb b'qerq u ingann, u di piu, l-intimata, fil-mument li fih inghata dan il-kunsens, minghajr pregudizzju ghal dak li gja nghad ma kienitx f'kundizzjoni li taghti kunsens validu kif rikjest mil-ligi.

Rat ir-risposta tal-kuratur Avukat Fransina Abela fejn esponiet:

Illi hija giet mahtura deputat kuratur tal-elenku sabiex tirraprezenta l-interessi tal-intimata Joan Agius li mietet fil-mori tal-kawza, fl-24 ta' Lulju 2013;

Illi hija giet mahtura sabiex tissostitwixxi lil Dr Yana Micallef Stafrace li giet elevata ghall-Bank tal-Gudikatura;

Illi l-intimata kienet irrispondiet ghar-rikors u cahdet li l-ammont mitlub huwa dovut, peress li l-kunsens taghha sabiex tigi rikoverata f'isptar privat inkiseb b'qerq u ingann u ma kienitx f'kundizzjoni li taghti kunsens validu;

Illi fic-cirkostanzi, wara li rat u studjat il-process, tirrimetti ruhha ghad-decizjoni ta' din il-Qorti.

Semgħet ix-xhieda, rat id-dokumenti u l-atti kollha pprezentati;

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati difensuri tal-partijiet.

Ikkunsidrat:

**Il-Fatti**

Il-fatti saljenti li taw lok ghal din il-vertenza huma s-segwenti:

1. Fil-25 ta' Marzu 2009, il-konvenuta giet riferuta lill-isptar privat gestit mis-socjeta attrici mit-tabib privat taghha Dottor Michael Borg, peress li kienet waqghet u kellha ugieg f'riglejha. Il-konvenuta kella 73 sena u kienet tghix wahedha. Hija ttiehdet l-isptar mid-dar taghha b'ambulanza tal-istess sptar.

2. Fil-perjodu bejn 25 ta' Marzu 2009 u t-2 t'April 2009, il-konvenuta giet rikoverata fl-isptar privat gestit mis-socjeta attrici u operata ghax irrizulta li kellha ksur, li kien jirrikjedi li tigi operata.

3. Meta marret l-isptar, il-konvenuta hadet maghha kaxxa bid-deheb personali taghha kif ukoll l-ammont ta' €700 fi flus kontanti.

4. Meta s-socjeta attrici talbet lill-konvenuta thallas ghas-servizzi lilha rezi, hija qalet li t-Tabib Borg ma kienx qalilha li ma kienx se jibghata fi sptar pubbliku, izda fi sptar privat, u li meta ttiehdet l-isptar ma kinietx taf li kienet qieghda fi sptar privat, u sa qabel saritilha l-operazzjoni ma kinietx taf li qieghda fi sptar privat.

5. F'din il-kawza il-konvenuta qed teccepixxi li l-kunsens taghha biex tigi rikoverata fi sptar privat inkiseb b'qerq u ingann, u di piu, l-intimata, fil-mument li fih inghata dan il-kunsens, minghajr pregudizzju ghal dak li diga nghad, ma kinitx f'kundizzjoni li taghti kunsens validu kif rikjest mil-ligi.

**Kunsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

Ir-rizoluzzjoni tal-kawza odjerna tirrizolvi ruhha fi kwistjoni tal-kredibilita tax-xhieda prodotti. Min-naha l-wahda hemm Dottor Michael Borg u Albert Micallef, li dak iz-zmien kien operating theatre manager tal-isptar in kwistjoni, li jinsistu li kienet decizjoni tal-konvenuta li tigi rikoverata fi sptar privat u ma tmurx f'wiehed pubbliku, u min-naha l-ohra hemm ix-xhieda tal-konvenuta, u tat-tifla taghha Doris Grima, li jghidu li l-konvenuta

ittiehdet go sptar privat b'ingann, u fl-eccezzjoni taghha l-konvenuta tghid li *"ma kinietx f'kundizzjoni li taghti kunsens validu"*. Il-konvenuta mietet fil-mori ta' dawn il-proceduri, meta l-istadju tal-provi kien wasal lejn l-ahhar tieghu.

Il-Qorti ma tistax tibda billi ma tosservax li hemm kontradizzjoni fiz-zewg eccezzjonijiet tal-konvenuta, ghalkemm gew moghtija minghajr pregudizzju ghal xulxin – ghax fil-waqt li fl-ewwel parti tal-eccezzjoni taghha qieghda tghid li l-kunsens taghha kien wiehed validu, izda inkiseb minghandha b'qerq u ingann, u ghalhekk il-kunsens taghha huwa annullabbli, fit-tieni fit-tieni parti tal-eccezzjoni taghha hija tghid li addirittura ma kienitx f'kundizzjoni li taghti kunsens validu, u dan ghaliex prezubilment (ghax dan ma tghidux espressament fl-eccezzjoni taghha) ghax hija ma kellhix l-uzu tar-raguni ghax hija kienet tbati minn mard mentali, u allura l-kunsens taghha kien wiehed null. Pero, din il-Qorti ma thossx li jkun utili ghal ragunijiet ta' pratticita li tinoltra ruhha f'din il-kwistjoni tal-inkompatibilita tal-eccezzjonijiet, u dan in vista tal-konsiderazzjonijiet taghha iktar l-isfel f'din is-sentenza.

Fix-xhieda tieghu, Dottor Michael Borg qal li hu kien ilu t-tabib kuranti tal-konvenuta ghal tnax (12)-il sena. Jghid li l-konvenuta cemplitlu fil-25 ta' Marzu 2009, ghaliex kienet waqghet u hu mar id-dar taghha. Hi ilmentat mieghu minn ugiegh qawwi fil-genb tal-lemin, u ghamlilha karta biex tmur l-Isptar Mater Dei. Hu jkompli jghid hekk *"Hi insistiet li ma ridietx tmur f'dan l-isptar. U dan b'insistenza kbira. Wara li studjajna l-options flimkien, hi ddecidiet li tmur tiehu dan l-x-ray fl-isptar St. James ta' Haz-Zabbar u hemm hekk forsi tigi ammessa ghal gurnata, sabiex tigi ezaminata minn specjalista. Jiena ma staqsejtiex x'kienet ir-raguni 'l ghala ma riditx tmur l-isptar Mater Dei. ... ... Ma jidhirx li l-pazjenta Joan Agius kellha xi dubbju dwar l-isptar Saint James. Jien niddikjara li Joan Agius meta ezaminajtha kienet fil-kundizzjoni li tiehu decizjoni mil-lat mentali. Fil-fatt spjegajt lil Joan Agius x'kienu r-riperkussjonijiet finanzjarji dwar l-ghazla taghha. Specifikatament semmejtilha li jekk tmur fi sptar privat kellha thallas hi. Qed nigi mitlub nikkummenta dwar dak li qed jigi allegat illi sabiex tiddahhal Saint James kien hemm xi tip ta' qerq. Dan ma nafx bih jew x'inhu. Hi marret fl-isptar Sant James fuq insistenza taghha. Meta kienet fl-isptar Saint James, jien zort lill-pazjenta tieghi Joan Agius, kemm dik il-gurnata stess u kif ukoll l-ghada. Hawn hekk tkellimt maghha u kienet taf li kienet fl-isptar Saint James.*[1]

---

[1] Ara fol. 37-38 tal-process.

Albert Micallef, dak iz-zmien operating theatre manager tal-isptar Saint James, xehed li qabel saret l-operazzjoni hu kien personalment kellem lill konvenuta u *"kienet koerenti, taf xi trid u taf x'inhi tghid."* Jghid li hu ta stima lill-konvenuta tal-ispejjez li kienet tinvolvi l-operazzjoni li riedet issirilha, u hi qaltlu li *"ghandha biex tkopri dawk l-ispejjez, qaltli li kellha diga flus li gabithom maghha ghal ammont ta' seba mitt (700) Euro, qaltli li kellha aktar flus il-bank u qaltli wkoll illi kellha ammont ta' deheb illi dan kien wisq jaqbez il-valur tal-istima."*.

Albert Micallef xehed ukoll li l-konvenuta ma rieditx taghti dettalji tal-qraba taghha, ghax qalet illi lit-tfal taghha ma rieditx turihom b'dak li kien ser isir. Pero fuq insistenza tal-amministrazzjoni tal-isptar hi taghthom isem it-tifla taghha Doris Grima, u d-dettalji taghha. Il-konvenuta iffirmat dokument fejn tat il-kunsens taghha sabiex Mr. Anthony Bernard jaghmlilha l-operazzjoni.

Albert Micallef xehed li peress li matul l-operazzjoni inqalghu kumplikazzjonijiet respiratorji, l-anestetista insista li jkellem lit-tifla Doris Grima, li giet l-isptar. Hu jghid li Doris Grima ilmentat mieghu ghax skond hi, l-isptar ma missux accetta li jopera lil ommha, minghajr ma qabel jikkonsultaw maghha.

Micallef xehed ukoll li l-konvenuta kienet tathom €700, akkont tal-ispejjez. Meta kienet se tigi licenzjata, Doris Grima qaltlu li fuq talba t'ommha, il-kont tal-isptar setgha jithallas permezz ta' transferiment dirett mill-bank fejn il-konvenuta kellha depozitati l-flus, ghal fuq il-kont bankarju tas-socjeta attrici. Pero meta s-socjeta attrici ippruvat taghmel dan it-transferiment dirett, skoprew li dak in-nhar li l-konvenuta kellha tmur lura d-dar taghha, il-flus fil-kont tal-konvenuta gew zbankati kollha, u allura ma kienx hemm fondi biex il-kont jithallas.

Min-naha l-ohra, fl-affidavit taghha l-konvenuta tghid li Dottor Borg qatt ma qalilha li kien se jibghatha fi sptar privat, imma kienet taht l-impressjoni li kien se jibghatha fi sptar tal-Gvern. Hija tghid li saret taf li qieghda fi sptar privat u li riedet thallas ghall-operazzjoni xi jumejn wara li saritilha l-operazzjoni. Hija tghid ukoll li hadet id-deheb maghha l-isptar ghaliex bezghet li jekk thallih id-dar jisirquh, u li meta t-tifla taghha riedet tiehu d-deheb lura, l-amministrazzjoni tal-isptar talbuha €700 akkont tal-ispejjez tal-istess sptar. Hi tghid li ma kienitx hi li qaltilhom biex icemplu lit-tifla, u li ma tiftakarx li qaltilhom li ma rieditx it-tifla

tkun taf. Hija gharfet il-firma taghha fuq id-dokument li bih tat il-kunsens biex issir l-operazzjoni, pero l-istima tal-ispejjez mahruga mill-isptar qabel l-operazzjoni ma gharfitiex.

It-tifla tal-konvenuta, Doris Agius xehdet illi ommha tbati minn skizofrenija, u giet diversi drabi rikoverata fl-isptar Monte Carmeli, u fiz-zmien meta kienet qed tixhed l-istess Agius, kienet rikoverata f'dan l-isptar. Agius ezebiet ukoll fotokopja ta' dokument iffirmat mahrug mis-Social Work Department li juri li l-konvenuta kienet ilha tigi moghtija trattament (*"received treatment"*) ghal perjodi varji mill-isptar Monte Carmeli mill-1975.[2] Hi qalet ukoll li ommha kienet tbati bil-burdati u gieli kienet tkun trid tara lilha u lil hutha u gieli le, u meta ddahlet l-isptar kienet fil-burdata li ma rieditx tarahom. Hi kkonfermat li kienet hadet id-deheb li ommha kienet hadet maghha l-isptar, pero lill-amministrazzjoni tal-isptar taghthom is-€700, fi flus kontanti li kien hemm ukoll fis-safe tal-isptar.

Din il-Qorti m'ghandha l-ebda ezitazzjoni li tghid li l-verzjoni ta' Dottor Michael Borg u Albert Micallef hija iktar kredibbli minn dik tal-konvenuta. Dottor Borg kien it-tabib ta' fiducja tal-konvenuta ghal tnax (12)-il sena u ghalhekk certament kellu idea dwar il-mezzi finanzjarji taghha, kif ukoll, ghalkemm dan ma jghidux fix-xhieda tieghu, il-problemi ta' sahha mentali li seta' kellha. Dottor Borg kien kategoriku fix-xhieda tieghu li hu kien wissa' lill-konvenuta dwar li fi sptar privat, hi riedet thallas ghas-servizz, u dan nonostante baqghet tinsisti li trid tmur fl-isptar St. James, sptar privat.

Lanqas hu verosimili li l-konvenuta, anzjana ta' 73 sena ma ndunatx li kienet ittiehdet go sptar privat. Mhux kontestat li meta ddahhlet l-isptar, hija kienet konxja. L-operazzjoni saret l-ghada li hija iddahlet l-isptar. Ma jistghax ikun li matul dan iz-zmien, il-konvenuta li kif jirrizulta mill-provi kienet ben konoxxenti tal-isptarijiet pubblici St. Luke's u Monte Carmeli, ma ndunatx anke biss mill-ambjent, li dak ma kienx ambjent ta' sptar pubbliku. Ma dan hemm ix-xhieda ta' Albert Micallef, li xehed li hu mhux biss qalilha li f'dak l-isptar trid thallas ghas-servizz, inkluz l-operazzjoni, pero qabel l-operazzjoni taha stima ta l-ispejjez li se tinkorri. Pero l-konvenuta qaltlu li kellha bizzejjed flus il-bank u deheb biex thallas.

Huwa wkoll rilevanti li l-konvenuta hadet maghha €700 fi flus kontanti, u kaxxa b'numru konsiderevoli ta' oggetti tad-deheb fiha. Fix-xhieda taghha tghid li dan ghamlitu ghax

[2] Ara fol. 44.

bezghet li jekk thallihom id-dar, jistghu jinsterqu. Pero, huwa notorju li fi sptarijiet pubblici, l-pazjenti ma jzommux fuqhom oggetti ta' valur, ghax ma jkollhomx safe fejn isakkruhom, u allura huwa hafna iktar facli li oggetti ta' valur jinsterqu. Huwa aktar verosimili li l-konvenuta hadet dawn l-affarijiet maghha, biex bil-€700 thallas in parte l-ispejjez, u tpaci l-kumplament tal-ispejjez bl-oggetti tad-deheb fiha. Dan ghax hi ma rieditx li t-tfal, partikolarment it-tifla taghha Doris Grima, jkunu jafu x'se taghmel, ghaliex kienet taf li dawn se joggezzjonaw.

Ghalhekk, l-eccezzjoni tal-konvenuta li l-kunsens taghha li tigi rikoverata u operata fl-isptar gestit mis-socjeta attrici inkiseb b'qerq u ingann ma gietx debitament ippruvata.

Wisq inqas giet ippruvata, l-eccezzjoni sussidjarja tal-konvenuta, li hi ma kienitx f'kundizzjoni li taghti kunsens validu.

Dottor Borg – li kien ilu t-tabib kuranti tal-konvenuta ghal tnax (12)-il sena – kien kategoriku li meta ezamina l-konvenuta *"kienet fil-kundizzjoni li tiehu decizjoni mil-lat mentali."* Huwa vera li mid-dokument ezebit minn Doris Grima, jirrizulta li l-konvenuta kienet ilha mill-1975 tigi perjodikament rikoverata l-Isptar Monte Carmeli u hi tghid li ommha kienet tbati minn skizofrenija. Pero ma ngabet l-ebda prova indipendenti, biex turi ghal liema raguni l-konvenuta kienet tigi rikoverata l-Isptar Monte Carmeli. Lanqas ingabet xi prova, li l-allegata skizofrenija li minnha kienet tbati l-konvenuta kienet tali li timpediha milli jkollha l-uzu tar-raguni (Artikolu 968 tal-Kodici Civili).

Mhux kull persuna li tigi rikoverta l-Isptar Monte Carmeli – jew tircievi trattament minn dan l-isptar, bhal fil-kaz tal-konvenuta - ifisser li m'ghandhix l-uzu tar-raguni. Il-fatt li minkejja l-mard mentali taghha, l-konvenuta kienet tghix f'dar wahedha, u dan minghajr l-icken oggezzjoni jew turija ta' preokkupazzjoni minghand ghall-inqas it-tifla taghha Doris Grima, l-iktar tifla li kienet qrib taghha, tant li kellha l-prokura taghha, jindika li fil-fatt, il-konvenuta ma kellha l-ebda menomazzjoni fil-fakoltajiet mentali taghha. Fil-fatt mat-testament taghha tal-1 ta' Awwissu 2007, hemm anness certifikat tal-Psikjatra Dottor Ethel Felice li l-konvenuta hija *"capable of exercising her civil rights"*.[3] In oltre, mat-testment taghha tat-2 ta' Lulju 2008, li emenda t-testment taghha precedenti, jinghad illi l-konvenuta *"tinsab fil-*

[3] Ara fol. 71 tal-process.

*pussess shih tal-fakoltajiet mentali taghha kif jirrizulta mic-certifikat mediku hawn anness bhala dokument "A"".*[4] Pero id-dokument A ma giex ezebit mat-testment. Ghalkemm, permezz ta' dawn iz-zewg testmenti, il-konvenuta iddizereditat tlieta minn uliedha, mill-provi ma jirrizulta li hadd minn uliedha ma ikkontesta l-validita ta' dawn it-testmenti. Inoltre, jekk wiehed iqabbel id-dati ta' dawn iz-zewg testmenti, mad-dokument ezebit minn Doris Grima dwar id-dati meta l-konvenuta kienet qed tircievi trattament mil-Isptar Monte Karmeli,[5] jirrizulta li bejn il-15 ta' Jannar 2007 u t-12 ta' Gunju 2008, il-konvenuta kienet qieghda tircievi tali trattament. Ghalhekk, l-ewwel testament sar waqt li l-konvenuta kienet qed tircievi dan it-trattament, u t-tieni testament sar ghoxrin (20) gurnata biss wara li l-konvenuta waqfet li tircievi dan it-trattament.

Fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet fuq esposti, din il-Qorti ma tistax tara kif l-eccezzjoni tal-konvenuta li ma kienitx fil-kondizzjoni li taghti l-kunsens validu taghha skond il-ligi tista' tigi milqugha.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti tichad l-eccezzjonijiet tal-lum mejta konvenuta u tikkundanna lil Dottor Fransina Abela bhala kuratur deputat sabiex tirraprezenta l-interessi tal-wirt tal-mejta konvenuta Joan Agius thallas lis-socjeta attrici s-somma ta' tlett elef, tmien mija u disgha u hamsin Ewro (€3859), bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali mid-data tal-prezentata ta' l-avviz odjern sad-data tal-pagament effettiv.

**Magistrat**

**Robert Bugeja**
**Deputat Registratur**

---

[4] Ara fol. 72 tal-process.
[5] Ara fol. 44 tal-process.